**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 779/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Germann Cassar**

**Illum, 03 t'April, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Germann Cassar,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 405873M;
>
> Billi inti akkuzat talli bejn is-2.25 u s-6.30 ta' filgħaxija ta' nhar il-05 ta' Novembru, 2017, ġewwa l-lokalita' tal-Ħamrun:-
>
> 1) minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni BPL-111, ikkommettejt serq ta' mobile phone

tal-ghamla ‘Samsung’ u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Nezar Fawzi S Abouaisha u/jew ta’ persuna jew persuni ohra, liema serg huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix I-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2.329.37); u bix-xorta tal-haga misruqa;

2) u aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, volontarjarnent hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, rnobbli jew immobbli, u cioe’ ghamilt hsarat fug vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni BPL-111, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta’ elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), u li saru ghad-dannu ta’ Nezar Fawzi S Abouaisha u/jew ta’ persuna jew persuni ohra.

Il-Qorti.hija mitluba li f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra rnilli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez Ii ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-ammissjoni tal-imputata;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fis-seduta tal-05 ta' Dicembru 2018;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi reġa' ammetta l-akkużi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata;

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Rat l-Artikoli 261 (c) u (g), 271 (g), 279 (a) u 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikoli 28 (a) u (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat irritorna r-rifurtiva skond kif jirrizulta mill-ircevuti esebiti mill-Prosekuzzjoni Dok CC3 u CC4 a folio 31 u 32 tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-05 ta' Dicembru 2018, l-imputat obbliga ruhu li jhallas il-hsara li ghamel fl-ammont ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) skond l-istima esebita mill-prosekuzzjoni Dok CC5 a folio 33 tal-process.

Fehmet iċ-ċirkustanzi kollha tal-imputat u wara li rat il-Liġi u l-fatti kollha miġjuba quddiemha, minn liema jirrizulta wkoll li l-imputat qieghed taht Ordni ta' Trattament u Ordni ta' Probation, u ghalhekk l-imputat illum il-gurnata qed jiehu kura ghad-dipendenza tieghu bi programm appozitu,

**Tikkundannah** għal sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' **sentejn**, sospizi ghal erba' snin u liema ordni ghalhekk ma tibdiex isseħħ ħlief jekk, matul perjodu ta' **erba' snin mil-lum**, l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dan a tenur tal-Artikolu 28 (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u **Tpoggih taht** Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum; kif ukoll **Tordna** li s-sentenza sospiza datata sbatax (17) ta' Lulju, elfejn u tmintax (2018) mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. terga' tibda tiddekorri mill-gdid. U tikkundannah ihallas il-hsara fl-ammont ta' hsara fl-ammont ta' hamsin Ewro u kumpens ghall-mobile misruq u li ma giex rekuperat fl-ammont ta' erba' mitt Ewro.

Il-Qorti tordna wkoll li d-Digriet anness ma' din is-sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

(ft) ***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur